VALLETTA
*Città Umilissima*

KUNSILL LOKALI VALLETTA VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 64

Il-Ħamis 19 ta' Lulju 2012 fil-5.00pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu preżenti s-Sindku, l-Viċi Sindku Joseph Spiteri u l-Kunsillieri Raymond Azzopardi, Vincent Farrugia, Mario Camenzuli, Peter Buontempo u Valerie Borg

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.
Il-minuti tas-Seduta Nru. 62 li saret nhar L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012, kienu konfermati.

**ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

- Is-Sindku nforma li Triq San Pawl ser titkompla bl-*extensive patching* wara li l-kunsill ma rċieva l-ebda twegiba min għand il-kuntrattur dwar stima għax-xogħolijiet. Għalhekk il-Perit Robert Musumeci l-Perit tal-Kunsill ser jipprepara tender document għal *Extensive Patching*.

- Is-Sindku tkellem dwar l-andament tas-*Summer School.* Qed jattendu madwar 60 tifel u tifla. Peress li parti mill-programm tas-Summer school ser tkun fil-Pitch tal-Waterpolo ta' Marsamxett, l-flus li kienu *budgeted* għall-għalliema u biex tintuża l-pixxina nazzjonali ser jintużaw biex isir *uplifting* tad-dawra tal-Pitch tal-Belt. Ser isir ukoll BBQ għat-tfal gewwa Hastings.

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

- Is-Sindku nforma li t-tender ta' l-LCD screens ġew evalwati w għalhekk issa jmiss li l-kunsill jinnegozja mal-kuntratturi skont l-ordni li gew shortlisted.

- Is-Sindku nforma li l-Permess ta' Peacock Garden ser jerġa jitla quddiem il-board tal-MEPA nhar l-24 ta' Lulju

- Is-Sindku nforma li l-permess tal-Proġett tal-Bandli ta' taħt il-Qanpiena ser jerġa jitla quddiem il-board ta' l-appell tal-MEPA nhar l-10 ta' Awwissu.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar 2 stediniet min-naħa tal-King's Own Band Club fl-okkazjoni tal-Festa ta' San Duminku. Nhar il-Ħadd 22 ta' Lulju riċeviment ġewwa l-Każin u Kunċert tal-Festa nhar is-Sibt 28 ta' Lulju.

- Is-Sindku nforma l-Kunsill qed jipprepara biex japplika għal proġett ta' ERDF biex l-kunsill jkollu Ċentru Soċjali.

- Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar il-proposta għal riġenerazzjoni ta' Marsamxett. Kien hemm qbil li jinbeda ix-xoghol fuq din il-proposta.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar l-istedina biex l-Kunsillier Vincent Farrugia jattendi għal *Workshop* ieħor ta' *Cities for Children* li ser isir bejn

26 u 28 ta' Settembru ġewwa l-Ġermanja. Għal din l-konferenza ser jattendu l-Kunsillier Farrugia u t-Town Centre Manager.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar l-istedina mill-*European Walled Town* biex ikun parti mill-Annual General Meeting. L-Viċi Sindku wera x-xewqa li għal din l-laqgħa jattendu Gabriella Agius, Fabian Galea u Victor Sladden. Is-Sindku nforma wkoll li ntefat n-nomina għal-President.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar l-istedina biex jkun parteċipi fl-laqgħa ġewwa Berlin bejn it-18 u 19 ta' Ottubru 2012. L-Kunsill qabel li jipparteċipa f'din il-laqgħa w innomina lill-kunsillier Peter Buontempo biex jattendi din il-laqgħa.

- Is-Sindku nforma li kellhom isiru *double yellow lines* fil-fossa tal-Belt peress li saru xi nċidenti. Minħabba pparkjar ta' karozzi t-triq kienet inaċċessibli għal abbulanza, fire engine u anke għat-trakk tal-ġbir ta' l-iskart. Wara li fil-bidu tas-sajf kif ukoll s-sena l-oħra saru xi nċidenti numru kbir ta' residenti ffirmaw u preżentaw petizzjoni lis-Segretarja biex din it-triq isir aċċessibli b'effett immedjat. Għalhekk ittieħdet azzjoni mmedjata għal ġid u fl-interess tar-residenti li jgħixu fl-akkwata fiż-żmien tas-sajf u anke s-sena kollha. Ftit wara li saru dawn il-linji kien hemm inċident fil-pitch tal-waterpolo fejn tifel taqqad fix-xibka tal-lasti tal-waterpolo u l-abbulanza u l-*fire engine* kellhom jaddu mill-fossa għax in-niżla ta' Marsamxett kienet inaċċessibli għal vetturi kbar. Saret ukoll kommunikazzjoni ma' Perit ikkonċernat min naħa ta' Transport Malta.

- Is-Sindku nforma li qed isiru laqgħat ma' suppliers ta' security cameras biex dawn jiġu nstallati f'diversi postijiet fil-Belt biex jinqata' l-abbuzz ta' rimi ta' skart.

**Devoluzzjoni**

**Devoluzzjoni.** Is-Sindku Dr. Alexiei Dingli għamel mozzjoni sabiex il-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni tal-Main Guard li tinsab f'Misrah San Gorġ, biex issir l-Uffiċċju Amministrattiv il-ġdid ta' l-istess Kunsill. Joseph Spiteri issekonda l-mozzjoni. Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

**Devoluzzjoni.** Is-Sindku Dr. Alexiei Dingli għamel mozzjoni sabiex il-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni ta' Hastings Garden li jinsab fi Triq Papa Piju V. Dan biex il-ġnien jigi amministrat totalment mill-Kunsill Lokali. Joseph Spiteri issekonda l-mozzjoni. Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

**Devoluzzjoni.** Is-Sindku Dr. Alexiei Dingli għamel mozzjoni sabiex il-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni ta' Peacock Garden li jinsab fi Triq Marsamxett. Dan biex il-ġnien jigi amministrat totalment mill-Kunsill Lokali. Joseph Spiteri issekonda l-mozzjoni. Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

**Devoluzzjoni.** Is-Sindku Dr. Alexiei Dingli għamel mozzjoni sabiex il-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni ta' St. John's Ditch li jinsab fi Triq l-Assedju l-Kbir. Dan biex il-propjeta' tigi devolutha lil Kunsill biex dan ikun jista jamministra skema ta' parkegg organizzat u jiżdied il-parkegg fil-Belt Valletta. Joseph Spiteri issekonda l-mozzjoni. Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

**KORRISPONDEZA**

- L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Radio City bħala turija ta' apprezzament ta' l-għajnuna li l-Kunsill qed jagħti.

- L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand ir-residenti Triq San Nikola biex tiġi nstallata Speed bump minħabba li l-karozzi qed jagħddu b'veloċita' eċċessiva. L-Kunsill qabel li din għandha ssir.

- L-Kunsill rċieva korrispondeza min għand l-kumitat tal-festi tal-Karmnu u ta' San Duminku biex isiru tappieri ġodda f'diversi postijiet fil-Belt. L–Kunsill qabel dwar dan.

- L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Guy's snack bar biex joħroġ mwejjed u siġġijiet barra fi pjazza Mattia Preti. L-Kunsill qabel li jista juża l-Pjazza, bil-kundizzjoni li l-Pjazza tinħasel kull jum wara li jitilqu n-nies min fuq l-imwejjed kif ukoll l-imwejjed iridu jkunu jaqblu ma' l-ambjent modern tal-Pjazza.

Il-Laqgħa ġiet sospiża biex ġiet preżentata l-Proposta tas-Saluting Battery min naħa tal- Fondazzjoni Wirt Artna. Il-Preżentazzjoni ġiet preżentata min Mario Farrugia

**MOZZJONI**

- Il-Kunsillier Raymond Azzopardi ppreżenta mozzjoni biex jinxtraw litter bins biex jitwaħħlu mar-ring road tal-Belt.

**MISTOQSIJI**

- L-Kunsillier Raymond Azzopardi akkuża lis-Sindku dwar kif tmexxiet l-proċedura biex l-perit Chris Briffa ma' jibqax l-Perit tal-Proġett ta' Peacock Garden. Hu ppreżenta dokumenti printjati mis-sit tal-MEPA. Is-sindku talbu jiccekja l affarijiet sew qabel jaghmel akkuzi infondati ghax ir-records tal-MEPA juru bic-car li dak li qed jinsinwa mhuwiex minnhu.

- L-Kunsilliera Valerie Borg bagħtet sensiela ta' mistoqsijiet li l-minority leader Raymond Azzopardi kkonferma mas-Sindku biex jinqabżu peress li ma kienux validi.

**AMMINISTRAZZJONI**

- Is-Seġretarja nfurmata dwar is-sezzjonijiet ta' training li ser ikollhom l-impjegati tal-Kunsill. L-Impjegati kellhom mystery shopping mill-persuna li ser tagħmel it-training biex naraw f'liema materja hemm bżonn l-aktar training. Issa jmiss li t-trainer jiltaqgħa ma' l-impjegati.

Fl-aħħar tal-Laqgħa l-Kunsillier Raymond Azzopardi talab lis-Segretarja biex issejjaħ lill-impjegati kollha barra l-works coordinator pero s-segretarja infurmatu li jew l-impjegati kollha jew ħadd.

L-ewwel beda b'Fabian Galea – EU affairs officer fejn ġie akkużat mill-Minority Leader li qed ikun partigjan peress li qed jieħu ħsieb l-facebook page tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta.

Fabian Galea cahad kategorikament dawn l-akkuzi fejn fiehem lil Raymond Azzopardi li l-Facebook page tal-Kunsill Lokali hija tal-Kunsill kollu inkluz il-Kunsillier Azzopardi innifsu u li x-xoghlijiet kollha li jittellghu fil-Facebook page tal-Kunsill jigu imnizzla bhala "xogholijiet b'inizjattiva u hidma tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta" u fl-ebda hin ma jkun hemm partiggjanizmu. Minkejja din l-ispjegazzjoni, l-Kunsillier Azzopardi baqa ma fehemx.

Imbgħad dar fuq is-Segretarja Gabriella Agius u Town Centre Manager Matthew Carbonaro fejn akkużahom li marru jigbru petizzjoni min għand xi nies biex hu (Kunsillier Azzopardi) ma jieħux azzjoni kontra l-istess Segretarja. Dan akkużhom li waqt il-ħin tax-xogħol marru jigbru l-firem min għand in-nies.
Is-Segretarja ċaħdet dawn l-akkużi w nfurmat li dan għandu jirtira dawn l-istess akkużi serji fil-konfront tagħha u tat-Town Centre Manager.

Akkuża wkoll lis-Segretarja li hi taghtu nformazzjoni żbaljata meta staqsa dwar l-ammont ta' bollards li kien hemm fil-garage. Dan informa li kellu nformazzjoni li fil-garaxx tal-Kunsill kien hemm madwar 70 bollard.

Is-Segretarja spjegat l-kas x'kien fejn qabel l-Kunsill kien jingħata l-bollards u din id-darba kellhom jinxtraw għalhekk ma setgħatx twaħħal bollards peress li qas invoice ma kellha u kienu għadhom propjeta' tal- kumpanija li tissuplixxihom. Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni dwar kif ingħatat din l-informazzjoni żbaljata w qarrieqa meta l-unika persuni li għandhom aċċess ghac-ċavetta tal-garaxx huma is-Segretarja stess u l-works coordinator.

**TMIEM**

Fil-8.00pm intemmet is-Seduta.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku

**TMIEM**

Fil-8.00pm intemmet is-Seduta.